

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > L-ispazju Tiegħi Tal-Ġustizzja Elettronika > Austria

My e-Justice space

Awstrija



Awstrija

Il-hub ċentrali għas-servizzi pubbliċi diġitali fl-Awstrija huwa l-pjattaforma ta' bejn l-awtoritajiet [oesterreich.gv.at](https://www.oesterreich.gv.at), li fuqha l-Awstrijaċi jistgħu jwettqu proċeduri uffiċjali magħżula online u jsibu għajnuna immedjata u informazzjoni dwar l-amministrazzjoni pubblika. Il-pjattaforma tista' tiġi aċċessata permezz tal-PC jew ta' apparati mobbli bl-app "Digital Office" ("Digitales Amt"). Is-servizzi pubbliċi diġitali jeħtieġu firma bl-ismartphone ("HandySignatur") bħala awtentikazzjoni u firma elettronika legalment valida fuq l-Internet (https://www.oesterreich.gv.at/themen/dokumente_und_recht/e_government/4.html).

Il-proċeduri li jsiru online huma proċeduri u kuntatti uffiċjali mal-awtoritajiet li jistgħu jitwettqu b'mod elettroniku. L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi permezz ta' formoli elettroniċi. Dawn il-formoli jistgħu jimtlew fuq l-Internet.

Filwaqt li xi proċeduri online ma jeħtiġux identifikazzjoni, proċeduri elettroniċi oħra jsiru bl-użu ta' firem bl-ismartphone jew kards taċ-ċittadini bbażati fuq kard. Il-firma bl-ismartphone tbiddel l-ismartphone f'karta tal-identità elettronika li tista' tintuża biex jiġu ffirmati l-applikazzjonijiet mal-awtoritajiet pubbliċi b'mod diġitali.

Il-proċeduri online huma disponibbli fil-kategoriji li ġejjin fuq [oesterreich.gv.at](https://www.oesterreich.gv.at):

- Ix-xogħol u l-pensjonijiet
- Il-bini, l-akkomodazzjoni u l-ambjent
- L-Edukazzjoni u l-Midja l-Ġdida
- Id-dokumenti u l-liġi
- Il-Familja u s-Sħubija
- Id-divertiment u t-traffiku fit-toroq
- Is-saħħa u l-emerġenzi
- Iż-żgħażaġħ
- Il-ħajja fl-Awstrija
- Il-persuni b'diżabbiltà
- L-anzjani
- L-affarijiet soċjali
- It-taxxi u finanzi

Id-diversi kategoriji jinkludu kemm proċeduri online fl-Awstrija kollha kif ukoll reġjonali. Huwa possibbli li l-proċeduri reġjonali ma jiġux offruti fil-muniċipalitajiet jew fil-provinċji kollha tal-Awstrija. Peress li l-Awstrija għandha aktar minn 2,000 muniċipalità, ma huwiex possibbli li jiġi evalwat jekk is-servizzi kollha humiex offruti mill-awtoritajiet kollha online. Għalhekk, l-analiżi se tiffoka fuq l-awtoritajiet individwali u se jiġi indikat jekk ġewx identifikati l-awtoritajiet tal-muniċipalitajiet li joffru servizzi online jew le.

Il-possibbiltà li jiġi ppreżentat rikors għal għajnuna legali

L-għan u l-kamp ta' applikazzjoni:

Fl-Awstrija, il-parti f'proċediment ċivili tista' tapplika għall-għajnuna legali ("Verfahrenshilfe") jekk ma tkunx tista' tħallas l-ispejjeż tal-proċediment mingħajr ma tipperikola r-riżorsi finanzjarji tagħha biex

iżżomm standard tal-għajxien modest. L-għajjnuna legali tkopri l-ispejjeż ġenerali tal-proċediment, l-ispejjeż li jirriżultaw mit-tressiq tal-evidenza quddiem il-qorti, l-ispejjeż ta' avukat jekk ikun meħtieġ u oħrajn. Jekk tingħata għajjnuna legali, din tkopri wkoll parir legali qabel il-proċess kif ukoll appelli possibbli. Jekk l-applikant jingħatax ħelsien sħiħ mill-ispejjeż jew parzjalment biss, jiddependi mill-introjtu u mis-sitwazzjoni tal-assi privati tal-applikant rispettiv. Barra minn hekk, it-talba jew id-difiża legali maħsuba ma tridx tidher li hija intenzjonata jew fiergħa (it-Taqsima 63-73 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ["Zivilprozessordnung"], il-Gazzetta Federali 113/1895 emendata l-aħħar mill-Gazzetta Federali I 77/2023).

Għal proċedimenti kriminali, l-għajjnuna legali hija disponibbli għal imputat jekk ma jkunx jista' jħallas l-ispejjeż kollha għad-difiża mingħajr ma jikkawża detriment għaż-żamma ta' għajxien sempliċi mill-akkużat u għall-familja tal-akkużat fil-kura tiegħu jew tagħha, u jekk u sa fejn dan ikun meħtieġ fl-interess tal-ġustizzja, speċjalment fl-interess ta' difiża xierqa. Jekk dawn ir-rekwiżiti jiġu ssodisfati, huwa possibbli li wieħed japplika għal avukat difensur tal-għajjnuna legali ("Verfahrenshilfeverteidiger"). (It-Taqsima 61(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali ["Strafprozessordnung"], il-Gazzetta Federali 631/1975 emendata l-aħħar mill-Gazzetta Federali I 223/2022)

L-Awstrija toffri l-għażla li ssir talba għall-għajjnuna legali fi proċedimenti ċivili kompletament online permezz tal-pjattaforma <https://justizonline.gv.at/jop/web/formulare/kategorie/4>.

Awtorità kompetenti:

Is-servizz online huwa offrut mill-Ministeru Federali tal-Ġustizzja. Id-deċiżjoni dwar jekk l-għajjnuna legali tingħatax hija r-responsabbiltà tal-qorti rispettiva inkarigata. (L-Artikolu 65(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili)

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà:

L-għajjnuna legali għandha tingħata lil parti b'mod sħiħ jew parzjali safejn din ma tkunx tista' tħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti mingħajr preġudizzju għall-manteniment meħtieġ, u t-talba jew id-difiża legali maħsuba ma tridx tidher li hija intenzjonata jew fiergħa. (It-Taqsima 63(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili)

- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni:

Il-proċess ta' awtentikazzjoni jeħtieġ kont tal-karta taċ-ċittadini "Bürgerkarten/ID Austria". B'dan il-kont l-identità tal-applikant tiġi vverifikata għall-proċedimenti ulterjuri

- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti:

Għandha tiġi ppreżentata dikjarazzjoni mill-applikant, mhux eqdem minn erba' ġimgħat, dwar l-assi, l-introjtu u ċ-ċirkostanzi familjari tal-applikant (dikjarazzjoni tal-assi) u dokumenti li jagħtu prova tad-dikjarazzjoni tal-assi. Id-dikjarazzjoni tal-assi għandha tiddikjara wkoll b'mod partikolari l-piżijiet u l-obbligi attwali ta' manteniment kollha. (It-Taqsima 66(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili)

Effetti legali ta' dokument elettroniku:

Mhux applikabbli

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online:

Iva (fil-każ ta' għajjnuna legali għal proċeduri ċivili).

Kost:

Is-servizz huwa mingħajr ħlas.

Ħolqa:

[Għajnuna legali - l-Awstrija](#)

<https://www.justiz.gv.at/home/service/verfahrenshilfe.960.de.html>

<https://justizonline.gv.at/jop/web/formulare/kategorie/4>

Kumpens

Għan u kamp ta' applikazzjoni:

Fl-Awstrija t-talbiet għal kumpens jistgħu jiġu ppreżentati online permezz tal-formola ġenerali fuq [JustizOnline](#).

Jekk id-dannu kien ikkawżat minn reat kriminali, ir-rikorrent jista' juża d-dritt li jingħaqad mal-proċediment kriminali bħala parti privata ("Privatbeteiligter"). Dan jeħtieġ dikjarazzjoni quddiem il-pulizija kriminali, il-prosekutur pubbliku jew il-qorti u jippreżenta l-opportunità li jintalab kumpens privat mingħajr ir-riskju tal-kost ta' proċediment ċivili. Jekk il-prosekutur pubbliku jwaqqa' l-akkużi, il-parti privata xorta tista' tipprova tibda proċess quddiem il-qorti bħala prosekutur sussidjarju ("Subsidiärankläger"). Fil-każ li l-qorti ma tagħti l-ebda kumpens jew kumpens żgħir wisq, ir-rikorrent jibqa' liberu li jibda proċediment ċivili (it-Taqsima 67, it-Taqsima 72, it-Taqsima 372 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali "Strafprozessordnung")

Awtorità kompetenti:

L-awtorità kompetenti tvarja skont l-azzjoni li kkawżat id-dannu.

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- [Rekwiżiti ta' eliġibbiltà:](#)

Biex titlob kumpens, persuna trid iġġarrab danni qabel it-talba.

- [Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni:](#)

Mhux applikabbli

- [Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti:](#)

Ritratti tal-ħsara, opinjonijiet tal-esperti, fatturi, stimi tal-ispejjeż u dokumenti oħra rilevanti għad-dannu

Effetti legali tad-dokument elettroniku:

Mhux applikabbli

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online:

Le

Kost:

Jekk it-talba ssir minn parti privata ta' proċediment kriminali, ma jkun hemm l-ebda tariffa imposta u l-ebda riskju ta' spejjeż. Jistgħu jfeġġu spejjeż jekk il-parti privata ta' tagħxi bħala prosekutur sussidjarju. (it-Taqsima 390(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali "Strafprozessordnung")

Jekk ir-rikorrent jibda proċediment ċivili u jingħata kumpens sħiħ, fil-prinċipju l-konvenut irid iħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti. (it-Taqsima 41(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili "Zivilprozessordnung")

Fl-oġġ:

Talba għad-danni mingħand min ikun wettaq ir-reat - l-Awstrija

https://www.oesterreich.gv.at/themen/dokumente_und_recht/strafrecht/3/Seite.2460208.html#:~:text=Je%20durch%20ein%20Offizialdelikt%20betroffene,und%20wird%20damit%20zum%20Privatbeteiligten

https://www.oesterreich.gv.at/themen/dokumente_und_recht/zivilrecht/1/Seite.1010180.html

Bidu ta' kawża ċivili online

Għan u kamp ta' applikazzjoni:

Il-paġna web <https://justizonline.gv.at/jop/web/formulare> toffri varjetà ta' suġġetti legali bl-għażla li l-kawża ċivili rispettiva tinbeda kompletament online.

Fuq il-paġna web l-utent irid ifittex il-kwistjoni legali rilevanti tiegħu (eż. proċedimenti ta' insolvenza, għajjuna legali, fajls biex jirċievi l-pagamenti eċċ.). Ladarba tintgħażel kwistjoni, l-utent jista' jikseb informazzjoni dwar is-suġġett legali, huwa possibbli wkoll li jara jekk huwiex possibbli li jingħata bidu kompletament online. F'dan il-każ il-formola rispettiva hija indikata b'simbolu "@" b'kulur blu tal-isfond.

Jekk l-utent jiddeċiedi li jagħmel dan il-mezz biex jibda kawża legali, huwa jrid sempliċiment jagħfas fuq il-formola u se jiġi ggwidat għall-pjattaforma tal-awtentikazzjoni. L-applikazzjoni mbagħad tiggwida lill-utent matul il-proċess sħiħ. Huwa importanti li wieħed jinnota li dan ma jagħmilx il-proċediment ulterjuri kollu diġitali, iżda r-rikorrent xorta jrid iżur il-qorti personalment jew irid ikun rappreżentat b'mod leġittimu.

F'każ li s-suġġett legali mitlub ma jkunx disponibbli għal bidu kompletament online, il-paġna web turi simbolu ta' ittra bi sfond isfar f'ħejja il-formola. Dan jindika li l-formola trid tintbagħat lill-awtorità kompetenti bil-posta. F'dan il-każ, il-paġna web toffri, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-possibbiltà li l-informazzjoni timtela b'mod diġitali. Fl-aħħar nett, huwa meħtieġ li d-dokument finali jiġi stampat u jintbagħat lill-qorti jew lill-awtorità bil-posta.

Awtorità kompetenti:

Għas-servizz web innifsu, il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja huwa kompetenti iżda jekk tinbeda kawża legali permezz tal-pjattaforma, il-proċediment innifsu huwa r-responsabbiltà tal-qorti jew tal-awtorità rispettiva.

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà:

Biex jinbeda proċediment legali permezz ta' mezzi online ma jintalab l-ebda rekwiżit speċifiku. Jekk persuna tkun soġġetta għal tutela legali, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet tkun meħtieġa approvazzjoni.

- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni:

Il-proċess ta' awtentikazzjoni jeħtieġ kont tal-karta taċ-ċittadini "Bürgerkarten/ID Austria". Il-kont jiffaċilita l-verifika tal-identità tal-applikant għall-proċedimenti ulterjuri

- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti:

Id-dokumenti meħtieġa jvarjaw skont it-tip ta' azzjoni legali li l-utent jixtieq jibda.

Effetti legali tad-dokument elettroniku:

Mhux applikabbli

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online:

Skont is-suġġett legali, bidu online jista' jkun jew ma jkunx possibbli. L-informazzjoni rilevanti tista' tinkiseb fuq is-sit web <https://justizonline.gv.at/jop/web/formulare>. Pereżempju, talbiet għal ħlas ("Mahnklagen") (f'kawżi li fihom jintalab ħlas ta' somma ta' flus li ma taqbiżx il-€75,000) jistgħu jiġu ppreżentati online (<https://justizonline.gv.at/jop/web/formulare/kategorie/5>)

Kost:

Is-servizz huwa mingħajr ħlas iżda xorta jistgħu japplikaw tariffi tal-proċedimenti

Ħoloq:

[Kif tressaq kawża quddiem il-qorti - l-Awstrija](#)

<https://justizonline.gv.at/jop/web/formulare>

Notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji

Għan u kamp ta' applikazzjoni:

Mill-1 ta' Jannar 2020, il-persuni li jgħixu fl-Awstrija għandhom id-dritt li jirċievu dokumenti uffiċjali mill-awtoritajiet u l-qrati b'mezzi elettroniċi jekk is-suġġett rispettiv ikun soġġett għal-liġi federali. (it-Taqsima 1a(1) tal-Att dwar il-Gvern Elettroniku "E-Government Gesetz" il-Gazzetta Federali I 10/2004 l-aħħar emendata bil-Gazzetta Federali I 169/2020)

Permezz tal-pjattaforma oesterreich.gv.at jew l-applikazzjoni mobbli "Mobiles Amt" huwa possibbli li tirreġistra indirizz tal-email. Dan l-indirizz se jintuża mill-qorti jew mill-awtorità rispettiva biex jiġu nnotifikati dokumenti futuri b'mod diġitali.

Il-kumpaniji għandhom obbligu li jipparteċipaw fis-sistema ta' servizz elettroniku jekk jinqabeż ċertu limitu ta' dħul. (it-Taqsima 1b tal-Att dwar il-Gvern Elettroniku "E-Government Gesetz")

Awtorità kompetenti:

Biex tiġi implimentata s-sistema ta' servizz elettroniku fi ħdan l-awtorità rispettiva, kull ministeru huwa kompetenti fl-ambitu tal-attivitajiet tiegħu. (l-Artikolu 28 tal-Att dwar il-Gvern Elettroniku "E-Government Gesetz")

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà:

Ma jintalab l-ebda rekwiżit speċifiku.

- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni:

Il-proċess ta' awtentikazzjoni jeħtieġ kont tal-karta taċ-ċittadini "Bürgerkarten/ID Austria". B'dan il-kont l-identità tal-applikant tiġi vverifikata, u l-indirizz tal-posta magħżul jista' jiġi attivat.

- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti:

Mhu meħtieġ l-ebda dokument

Effetti legali tad-dokument elettroniku:

Id-dokumenti elettroniċi se jiġu ttrattati bl-istess mod bħad-dokumenti stampati, peress li huma ffirmati bil-firma elettronika kwalifikata ("Amtssignur") tal-awtorità emittenti.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online:

Iva (esklużi dokumenti fejn in-notifika fiżika hija obbligatorja)

Kost:

Is-servizz huwa mingħajr ħlas.

Ħoloq:

[Notifika ta' dokumenti: trażmissjoni uffiċjali ta' dokumenti legali - l-Awstrija](#)

<https://www.bmdw.gv.at/Services/ElektronischeZustellung/eZustellung-B%C3%BCrger.html>

<https://www.bmdw.gv.at/Services/ElektronischeZustellung/Anmeldung-zur-elektronischen-Zustellung.html>

Parteċipazzjoni fil-bejgħ fl-irkant bil-qorti

Għan u kamp ta' applikazzjoni:

L-Awstrija toffri żewġ pjattaformi online rigward il-bejgħ fl-irkant bil-qorti

Il-paġna web <https://www.justiz-auktion.de/> toffri firxa wiesgħa ta' oġġetti mobbli differenti. Fuq din il-pjattaforma il-qrati, l-uffiċċji tal-prosekutur, il-likwidaturi u l-uffiċċjali ġudizzjarji joffru oġġetti li jiġu kkonfiskati jew oġġetti li jkunu soġġetti għal proċedimenti ta' preklużjoni jew realizzazzjoni fil-proċedimenti ta' insolvenza. Il-pjattaforma taħdem f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet Ġermaniżi simili biex toffri rkantijiet miż-żewġ pajjiżi lill-utent.

Fuq il-paġna web <https://edikte.justiz.gv.at/edikte/edikthome.nsf> huwa possibbli li tfttex fost avviżi dwar proċedimenti ta' insolvenza u rkantijiet ta' preklużjoni li jkunu għaddejjin u ppjanati. B'kuntrast mal-ewwel pjattaforma, ma hija possibbli l-ebda parteċipazzjoni diretta fil-paġna web.

Informazzjoni speċifika hija offruta fuq il-paġna web dwar [bejgħ fl-irkant bil-qorti fl-Awstrija](#).

Awtorità kompetenti:

Għall-irkanti ġudizzjarji normalment il-qorti distrettwali (“Bezirksgericht”) hija l-awtorità kompetenti. (it-Taqsima 3 tal-Kodiċi tal-Att Awstrijak dwar l-Infurzar “Exekutionsordnung”)

Kundizzjonijiet ta’ aċċess:

- Rekwiżiti ta’ eliġibbiltà:

Biex tipparteċipa fis-servizzi offruti, persuna trid tkun legalment kapaċi tagħmel negozju jew taġixxi bil-kunsens tal-kustodju legali responsabbli. Biex taċċessa l-portali huwa meħtieġ kont tal-utent li jista’ jiġi stabbilit fuq il-[paġna web rilevanti](#).

- Rekwiżiti ta’ identifikazzjoni u awtentikazzjoni:

Wara r-reġistrazzjoni l-utent jirċievi messaġġ ta’ konferma permezz ta’ email. Kejl ieħor tal-identifikazzjoni ma jiġix implimentat.

- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti:

Ma huwa meħtieġ l-ebda dokument.

Effetti legali tad-dokument elettroniku:

Mhux applikabbli

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online:

Iva

Kost:

Is-servizz huwa mingħajr ħlas.

Ħoloq:

<https://www.justiz-auktion.de/>

<https://edikte.justiz.gv.at/edikte/edikthome.nsf>

Aċċess għal servizzi ta’ medjazzjoni

Għan u kamp ta’ applikazzjoni:

Fl-Awstrija l-att ta’ medjazzjoni (“Zivilrechts-Mediations-Gesetz” il-Gazzetta Federali I 29/2003 emendata l-aħħar mill-Gazzetta Federali I 246/2021) joffri linji gwida, definizzjoni u regolamenti ta’ taħriġ fir-rigward tal-proċess ta’ medjazzjoni u l-professjoni ta’ medjatur. Informazzjoni dwar dan is-suġġett tista’ tinstab [hawnhekk](#).

Il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja joffri [għodda ta’ tiftix online](#) biex issir tiftixija tal-medjaturi kollha rreġistrati fl-Awstrija.

Sa issa, ma daħal fis-seħħ l-ebda regolament speċifiku li jippromwovi servizz ta’ medjazzjoni online jew

elettroniku.

Awtorità kompetenti:

L-att ta' medjazzjoni ("Zivilrechts-Mediations-Gesetz") huwa liġi federali. Għal regoli aktar dettaljati dwar it-taħriġ biex wieħed isir medjatur rikonoxxut, il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja huwa awtorizzat jipproulgja regolamenti ulterjuri (l-Artikolu 29(1) tal-att ta' medjazzjoni "Zivilrechts-Mediations-Gesetz")

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: Mhux applikabbli
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: Mhux applikabbli
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti: Mhux applikabbli

Effetti legali tad-dokument elettroniku:

Mhux applikabbli

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online:

Mhux applikabbli

Kost:

L-ispiża tal-medjazzjoni ma hijiex determinata mil-liġi u hija soġġetta għas-suq. Jekk ikun meħtieġ servizz ta' medjazzjoni għal kunflitti relatati mal-familja, jista' jinkiseb programm ta' appoġġ mill-Uffiċċju tal-Kanċillier ("Bundeskanzleramt") f'ċerti ċirkostanzi. Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq <https://www.bundeskanzleramt.gv.at/agenda/familie/begleitung-beratung-hilfe/trennung-und-scheidung/mediation-fuer-trennung-und-scheidung.html>

Foqqa:

https://www.oesterreich.gv.at/themen/familie_und_partnerschaft/scheidung/Seite.100800.html

<https://mediatoren.justiz.gv.at/mediatoren/mediatorenliste.nsf/contentByKey/VSTR-7DZNPA-DE-p?open=&ref=mn&fname=A>

<https://www.bundeskanzleramt.gv.at/agenda/familie/begleitung-beratung-hilfe/trennung-und-scheidung/mediation-fuer-trennung-und-scheidung.html>

Formazzjoni tal-kumpaniji u aċċess għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji

Għan u kamp ta' applikazzjoni:

Informazzjoni dwar il-kumpaniji

Fl-Awstrija, is-sors pubbliku ewlieni ta' informazzjoni dwar il-kumpaniji huwa r-reġistru tal-kumpaniji ("Firmenbuch"). Fih informazzjoni dwar l-intrapriżi rreġistrati fost l-oħrajn: l-isem tal-kumpanija, il-kwartieri ġenerali, il-persuni li huma awtorizzati jirrappreżentaw lill-kumpanija, il-forma ġuridika tal-kumpanija kif ukoll, jekk ikun meħtieġ, il-kapital azzjonarju. Ir-reġistru huwa maqsum fil-ktieb ewlieni ("Hauptbuch"), li fih l-informazzjoni msemmija hawn fuq, u l-ġabra ta' dokumenti ("Urkundensammlung") li huwa ġabra tal-materjali kollha li jagħtu prova tal-leġittimità tal-entrati. (it-Taqsima 1, it-Taqsima 3, it-Taqsima 12(1) tal-

Att dwar ir-Reġistru tal-Kumpaniji “Firmenbuchgesetz” Gazzetta Federali I 10/1991 emendata l-aħħar mill-Gazzetta Federali I 104/2019)

L-aċċess għar-reġistru huwa miftuħ għal kulħadd. (it-Taqsima 34(1) tal-Att dwar ir-Reġistru tal-Kumpaniji “Firmenbuchgesetz”) Huwa possibbli li l-informazzjoni tinkiseb personalment f’qorti kompetenti iżda wkoll permezz ta’ fornitur privat online awtorizzat mill-Ministeru Federali tal-Ġustizzja.

Fil-ħolqa li ġejja tista’ ssib fornituri online differenti li joffru aċċess diġitali għar-reġistru tal-kumpaniji:

<https://www.usp.gv.at/laufender-betrieb/firmenbuch/firmenbuchabfrage.html>

Il-Ministeru Federali għall-Ġustizzja joffri wkoll servizz online biex tinkiseb informazzjoni bażika bla ħlas dwar il-kumpaniji rreġistrati fuq <https://justizonline.gv.at/jop/web/firmenbuchabfrage>

L-istabbiliment ta’ kumpanija online

Fl-Awstrija huwa possibbli li tiġi stabbilita kumpanija b’responsabbiltà limitata b’persuna waħda (“Einpersonen-GmbH”) jew kumpanija b’responsabbiltà mhux limitata (“Einzelunternehmen”) kompletament online bl-użu tal-applikazzjoni fuq il-paġna web <https://www.usp.gv.at/gruendung/elektronische-gruendung.html>.

Għal tipi oħra ta’ kumpaniji, li jeħtieġu reġistrazzjoni fir-reġistru tal-kumpaniji, l-ebda applikazzjoni bħal din ma hija disponibbli iżda minħabba l-Att dwar l-Istabbiliment permezz tal-Formola Elettronika tan-Nutara (il-Gazzetta Federali I 71/2018 “Elektronische Notariatsform-Gründungsgesetz”) huwa possibbli li titwettaq l-awtentikazzjoni notarili obbligatorja mhux biss personalment iżda wkoll permezz ta’ vidjokonferenza. Dan jippermetti lill-fundaturi futuri tal-kumpaniji jwettqu l-proċess mingħajr il-ħtieġa li jmorru f’uffiċċju notarili jew għand awtorità personalment.

Fil-prattika, il-proċess tal-istabbiliment ta’ kumpanija jikkonsisti f’diversi atti u proċedimenti legali, u huwa dejjem f’idejn il-fundatur biex jiddeċiedi jekk il-bidu ta’ kumpanija kompletament online huwiex l-aħjar mod kif wieħed jipproċedi. Il-Ministeru Federali għad-Diġitalizzazzjoni u l-Lokazzjoni Ekonomika (“Bundesministerium für Digitalisierung und Wirtschaftsstandort”) joffri permezz tal-pjattaforma <https://www.usp.gv.at/gruendung.html> punt uniku ta’ aċċess għall-aspetti legali u proċedurali rilevanti kollha rigward l-istabbiliment ta’ kumpanija.

Awtorità kompetenti:

Il-qorti kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-kumpaniji tiddependi fuq il-post tal-intrapriża attwali jew ipplanata. Il-[paġna web](#) li ġejja toffri ħarsa ġenerali lejn il-qrati responsabbli fl-Awstrija.

Kundizzjonijiet ta’ aċċess:

- Rekwiżiti ta’ eliġibbiltà:

Biex tfttex entitajiet kummerċjali fir-reġistru tal-kumpaniji ma hemm l-ebda rekwiżit speċifiku ddikjarat.

Biex tintuża l-pjattaforma online biex titwaqqaf kumpanija, iridu jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

- Awtointitolament - għeluq it-18-il sena ta’ età, l-ebda tutur legali
- Ċittadinanza ta’ stat membru tal-UE, taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera jew l-eżistenza ta’ permess ta’ residenza
- Residenza fl-Awstrija, fl-UE/fiż-ŻEE jew fl-Iżvizzera

Aktar informazzjoni tista’ tinkiseb fuq: <https://www.usp.gv.at/gruendung/elektronische-gruendung.html>

- Rekwiżiti ta’ identifikazzjoni u awtentikazzjoni:

Il-proċess ta' identifikazzjoni online għat-tfittxija fir-reġistru tal-kumpaniji jvarja skont il-fornitur privat rispettiv. Biex jintuża s-servizz online għall-istabbiliment ta' kumpanija, firma telefonika mobbli ("HandySignatur") hija obbligatorja. Ma huwa pprovdut l-ebda mod ieħor għall-verifika tal-identità.

- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti:

Ma huwa meħtieġ l-ebda dokument speċifiku iżda jekk l-utent irid jistabbilixxi kumpanija b'responsabbiltà limitata, tintalab il-konferma tal-bank rigward id-depożitu tal-kapital azzjonarju meħtieġ.

Effetti legali tad-dokument elettroniku:

Mhux applikabbli

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online:

Iva

Kost:

Il-kost għal kopja ta' tfittxija fiżika fir-reġistru tal-kumpaniji fil-qorti kompetenti tammonta għal €15,00. Jekk jinkisbu b'mezzi online, it-tariffi jistgħu jvarjaw skont il-fornitur iżda jvarjaw bejn €1.17 u €6.30, skont l-informazzjoni mitluba. Lista komprensiva tat-tariffi tas-servizz online tista' tinkiseb taħt:

<https://www.usp.gv.at/laufender-betrieb/firmenbuch/firmenbuchabfrage.html>

Il-pjattaforma tas-servizz għall-istabbiliment ta' kumpanija hija bażikament bla ħlas, iżda l-utent irid iqis li fil-proċess tat-twaqqif jistgħu jseħħu spejjeż esterni. Il-paġni web li ġejjin joffru informazzjoni dettaljata dwar iż-żewġ tipi possibbli ta' kumpaniji fi ħdan is-servizz ta' stabbiliment online.

Kumpanija b'responsabbiltà mhux limitata ("Einzelunternehmen")

<https://www.usp.gv.at/gruendung/gruendungsfahrplan-einzelunternehmen.html>

Kumpanija b'responsabbiltà limitata b'persuna waħda ("Einpersonen-GmbH")

<https://www.usp.gv.at/gruendung/gruendungsfahrplan-gesellschaften.html>

Ħoloq:

<https://www.usp.gv.at/laufender-betrieb/firmenbuch/firmenbuchabfrage.html>

<https://www.usp.gv.at/gruendung.html>

<https://www.usp.gv.at/gruendung/gruendungsfahrplan-gesellschaften/eintragung-firmenbuch.html>

<https://www.usp.gv.at/gruendung/elektronische-gruendung.html>

<https://www.usp.gv.at/laufender-betrieb/firmenbuch/firmenbuchabfrage.html>

L-aħħar aġġornament: 07/10/2025

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.